**XENA 3, KAMRA KBIRA TAĦT IT-TEATRU MANOEL**

*[Sabrina tidħol ġos-senduq u tibda titbaxxa bil-mod. Malli ma tibqax tidher aktar, Lexy titla' t-taraġ tiġri, tagħlaq is-senduq, u ssakkru. Wara terġa' tinżel it-taraġ tidħak kemm tiflaħ waqt li tiffilmja.]*

SABRINA *[tgħajjat imwerwra minn ġos-senduq]* X'qed jiġri? X'int tagħmel? Iftaħli! Lexy!

LEXY U b'hekk irnexxieli nsakkar lil Sabrina ġo dik il-kaxxa li hemm taħt it-teatru. *[iddawwar il-mowbajl lejn wiċċha]* Qed tara kif irnexxieli? Becky? Rowena? Louisa? Xi tgħidu, eh?

*[F'daqqa waħda tinstema' daħka tirbombja madwar il-palk. Kif imut l-eku tagħha, taqa' ħemda. Lexy titfi l-mowbajl u tibda ddawwar it-torċ 'l hemm u 'l hawn.]*

LEXY Min hemm?

*[Tinstema' vuċi maħnuqa għalkemm Lexy ma tistax tara minn fejn ġejja.]*

VUĊI Min haw' hawn isfel?

LEXY Int min int?

VUĊI Ma tafux li ħadd mhu suppost jinżel hawn?

LEXY Fejn int?

*[Jinxtegħel dawl fuq il-palk permezz ta' bozza u naraw li Lexy tinsab ġo kamra kbira mimlija għamara, statwi żdingati tal-kartapesta, u biċċiet ta' settijiet ta' diversi reċti li saru ġewwa l-Manoel sekli ilu. Fosthom hemm ukoll siġġu kbir qisu tron. L-effett mhuwiex wieħed sabiħ.]*

LEXY Da' x'post hu?

*[Mill-ġenb tal-palk jidher dell twil u rqiq ta' figura riesqa lejn it-tfajliet.]*

VUĊI Ħa narak ftit aħjar. Ħa nara min ażżarda jinżel hawn ħdejja llejla.

*[Lexy taħrab imwerwra hekk kif id-dell ikompli jikber u jitfaċċa ALFRED liebes ħwejjeġ maħmuġin u bil-ġilda bajda karti.]*

ALFRED Dat-tfal ukoll…

*[Alfred ikun ħa jmur lura mnejn ġie meta jinduna li hemm xi ħaġa mhux sew. Jitla' fuq il-pedestall u jiftaħ is-senduq. Jitbaxxa ġo fih u jtella' lil Sabrina li sadanittant ikun ħassha ħażin.]*

ALFRED Min għandna hawnhekk? Bonswa sinjorina. *[Alfred itaptpilha bil-mod ma' wiċċha.]* Kif qed tħossok?

SABRINA Int… int min int?

ALFRED Naħseb aktar messni nsaqsiha jien dik id-domanda. Wara kollox, jien suppost qiegħed hawn. Inti le.

*[Alfred jgħin lil Sabrina toħroġ u jagħlaq is-senduq ħalli jkunu jistgħu jpoġġu fuqu.]*

SABRINA Jiena Sabrina. Qed nieħu sehem f'reċta fil-Manoel.

ALFRED Sewwa, u minflok li tlaqtu lejn id-dar wara li lestejtu, int u dik il-kurżitajra l-oħra ddeċidejtu li għandkom tiġu taraw x'hawn taħt it-teatru. Dik l-oħra qiegħda fir-reċta miegħek?

SABRINA Eħe, ħabibti għandha l-parti prinċipali.

ALFRED Ma nafx, imma sa fejn naf jien, il-ħbieb mhux soltu jsakkru 'l xulxin ġo kaxxi fid-dlam.

SABRINA U int x'int tagħmel hawn isfel?

ALFRED Jien? Jien kważi dejjem ninsab haw', sabiħa. Jien naħdem bħala kuratur mat-teatru, u xogħli hu li nieħu ħsieb u norganizza da' kollu li tara madwarek.

SABRINA Dal-imbarazz?

ALFRED *[jidħak]* Hemm min jgħid li dan huwa kollu patrimonju, arti u storja. Imma meta wieħed jiddiskrivi t-teżori li haw' f'dawn il-kmamar, 'imbarazz' hija kelma li tintuża spiss wkoll. Jiena Alfred.

SABRINA Għandi pjaċir.

ALFRED Allura għidli xi ftit aktar dwar din ir-reċta li qed tagħmlu.

SABRINA Jisimha 'Il-Leġġenda tal-Kospiku'. Kitibha d-direttur stess.

ALFRED Sewwa. U x'ikun dan il-Kospiku?

SABRINA Speċi ta' monstru li jgħix taħt it-Teatru Manoel.

ALFRED Eh, issa qed nifhem. Għalhekk dal-aħħar kien hawn invażjoni ta' nies niżlin hawn isfel.

SABRINA Jien qatt ma ġejt hawn qabel.

ALFRED Imma dik ħabibtek ġieli ġiet ma' ħbieb oħrajn.

SABRINA Ma qaltlix.

ALFRED Tgħidli qalbi li riedet tagħmillek ċajta goffa. Imbagħad spiss jinżlu żewġt irġiel. Wieħed dejjem wiċċ serju u l-ieħor fih tifel. Ikbar minnek fl-età, għalkemm xorta żgħażagħ.

SABRINA Dak William id-direttur, u l-ieħor x'aktarx Gabriel l-*istage manager*. Kważi dejjem flimkien ikunu.

ALFRED Allura għidli aktar dwar dan il-monstru, dan il-Kospiku. Għandi bżonn nibża' jien?

SABRINA Skont ir-reċta li qed nagħmlu, il-Kospiku huwa speċi ta' dimonju li jgħix hawn taħt u jħobb joqgħod jara r-reċti li jittellgħu il-Manoel.

ALFRED Kulturat dan il-monstru. Ġieli rah xi ħadd?

SABRINA Iva u le. Meta jfettillu, il-Kospiku ġieli jsib xi attur li jkun wara l-kwinti, jattakah, jilbes il-kostum tiegħu, u jmur fuq il-palk jagħmel il-parti minfloku. Imbagħad, wara r-reċta, l-attur jinstab mitluf minn sensih bla ma jkun jaf eżatt x'ġara.

ALFRED Irid ikun attur verament tajjeb dan l-imbierek monstru biex l-udjenza ma tindunax.

SABRINA Skont il-*play* tagħna, tajjeb ħafna.

ALFRED Storja interessanti. Naħseb nitħajjar niġi naraha. U nibda noqgħod attent meta niġi għax-xogħol. Ma mmurx niltaqa' ma' dan il-Kospiku tagħkom.

SABRINA Ovvjament storja kull mhi. M'hawn l-ebda monstru hawn isfel.

ALFRED *[jidħak]* Kemm nixtieq li kellek raġun jaħasra.

SABRINA X'jiġifieri?

ALFRED Jiena kważi ngħix haw' isfel. U għalkemm matul daż-żmien kollu li qattajt naħdem fil-kmamar taħt it-teatru u nimxi fil-passaġġi ta' taħt il-Belt Valletta qatt ma nista' ngħid li rajt xi ħaġa stramba, inkun qed

| | |
|---|---|
| | nigdeb jekk ngħid li qatt ma ħassejt li kien hemm xi ħaġa – xi preżenza fid-dlam li qed tosservani b'kurżità kbira. Kważi aktar minn dik tiegħek u ta' sħabek. |
| SABRINA | Xiex? |
| ALFRED | Min jaf? Hi x'inhi, qatt ma ħallietni naraha. |
| SABRINA | Allura ma tibżax? |
| ALFRED | Kieku riedet tagħmilli d-deni, kellha bosta okkażjonijiet. Hawn isfel faċli tinsa l-ħin, u ġieli qattajt ġranet twal wara xulxin mingħajr ma nara xemx. |
| SABRINA | Ġifieri dil-ħaġa mhijiex perikoluża… |
| ALFRED | Mhux qed ngħid hekk. Lili forsi dratni, għalhekk ma tagħmilli xejn. Imma jiena xiħ u kwiet u ma nagħti fastidju lil ħadd. Koċċ tfal jgħajtu u jwerżqu… forsi ma tantx tieħu pjaċir bihom. Kieku jien int, ngħid 'il sħabek biex qatt ma jerġgħu jinżlu hawn. Ħadd ma jista' jgħid x'hawn fid-dlam taħt it-teatru. |

*[Sabrina tħares ġod-dlam b'apprensjoni ġdida.]*

| | |
|---|---|
| SABRINA | Alfred? |
| ALFRED | Iva? |
| SABRINA | Taħseb li… dil-ħaġa… taħseb li qed tarani bħalissa? |

*[Alfred jidħak daħka qasira, jieħu nifs fil-fond u jħares lejha.]*

| | |
|---|---|
| ALFRED | M'għandix l-iċken dubju. |

*[Jintefa d-dawl.]*